



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

---

**2011/0177(APP)**

20.9.2012

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar ir-rapport interim għall-fini li jintlaħaq eżitu pożittiv tal-proċedura ta' approvazzjoni tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali għas-snin 2014-2020 (COM(2011)0398 – 2011/0177(APP))

Rapporteur għal opinjoni: Monika Hohlmeier

PA\_NonLeg\_Interim

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fir-rapport tiegħu:

1. Jinnota l-istruttura l-ġdida tal-Intestatura 3 dwar is-Sigurtà u ċ-Ċittadinanza; iqis li l-inklużjoni tas-Sikurezza tal-Ikel, l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza tal-Ikel, l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini fl-Intestatura 3 l-ġdida hija dibattibbli u ma tirreflettix l-oġġettiv ġenerali tas-Sigurtà u ċ-Ċittadinanza; jissuġġerixxi li t-titolu jinbidel f'konformità mar-Riżoluzzjoni tal-Parlament tat-8 ta' Ġunju 2011: Ninvestu fil-ġejjieni: Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) ġdid għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inklużiva<sup>1</sup> għal: “Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja”;
2. Huwa tal-fehma li l-ammont totali dedikat lill-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja ma jirreflettix adegwament it-tisħiħ ta' dan il-qasam fil-konfront tat-Trattat ta' Lisbona u l-kompiti u l-isfidi tiegħu li dejjem qed jiżdedu;
3. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żgurati l-użu effiċjenti u l-ġestjoni tajba tal-fondi, sabiex jiġi evitat li l-Istati Membri jħarsu l-interessi nazzjonali tagħhom stess;
4. Jenfasizza li s-simplifikazzjoni tal-istrutturi tal-iffinanzjar, filwaqt li tipprovdi flessibilità, għandha żżomm il-prevedibilità u l-kredibilità, u li għandu jkun żgurat sehem adegwat għal kull oġġettiv tal-fondi speċifiċi;
5. Jenfasizza l-ħtieġa ta' attivitajiet iffinanzjati biex jiġi pprovdut valur miżjud Ewropew, u biex ikun hemm bilanċ adegwat bejn l-oġġettivi tal-politika fil-fondi u l-programmi kollha;
6. Jilqa' s-simplifikazzjoni ta' strutturi ta' ffinanzjar li rriżultat bl-istabbiliment tal-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u l-Fond għas-Sigurtà Interna, kif ukoll ir-regoli applikabbli b'mod ġenerali dwar l-ipprogrammar, il-ġestjoni, il-kontroll u r-rappurtar, sakemm jinżamm bilanċ bejn il-prijoritajiet differenti fi ħdan il-fondi; jirrimarka li s-simplifikazzjoni tal-istrumenti tal-Affarijiet Interni se tnaqqas in-numru tal-bażijiet legali u r-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom u tippermetti fehim aħjar tar-regoli mill-partijiet interessati kollha;
7. Iqis li sehem ġust tar-riżorsi finanzjarji għandu jiġi allokat taħt il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil b'mod partikolari biex jingħata appoġġ lill-oġġettivi tal-Fond tar-Refuġjati attwali u l-Fond tal-Integrazzjoni; jinnota l-enfasi partikolari fuq il-miżuri tar-risistemazzjoni u tar-rilokazzjoni; jenfasizza l-ħtieġa ta' attivitajiet iffinanzjati biex jiġi pprovdut valur miżjud Ewropew, u biex ikun hemm bilanċ adegwat bejn l-oġġettivi tal-politika;
8. Itenni li l-elementi l-ġodda bħas-sistema tal-PNR tal-UE jew il-“Pakkett tal-Fruntieri Intelliġenti” diġà huma pplanati; huwa tal-fehma li l-Fond għas-Sigurtà Interna għandu jkollu riżorsi finanzjarji adegwati biex ikun jista' jissodisfa l-oġġettivi tiegħu, filwaqt li jenfasizza li l-azzjonijiet kollha tiegħu għandhom jikkonformaw għalkollox mal-Karta

<sup>1</sup> Testi adottati, P7\_TA(2011)0266.

tad-Drittijiet Fundamentali; jitlob iffinanzjar għall-iżvilupp ta' kontrolli fil-fruntieri li jkunu sensitivi għall-protezzjoni u li jirrispettaw kompletament id-drittijiet fundamentali tal-migranti;

9. Jenfasizza l-bżonn li jintefaq il-Fond għas-Sigurtà Interna bil-għan li jissaħħa l-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja u tiġi assicurata koordinazzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-iżvilupp ta' sistema ta' kontrolli ta' kwalità tajba u uniformi fil-fruntieri esterni; jemma, barra minn hekk, li l-investment fl-infrastruttura, it-tagħmir, il-mezzi tat-trasport u s-sistemi tal-IT għandu jagħti kontribut biex jiġu sodisfatti l-istandards komuni tas-sigurtà u biex tiżdied l-effiċjenza tal-operazzjonijiet konġunti koordinati mill-Aġenzija FRONTEX;
10. Jenfasizza li l-Programm tal-Ġustizzja jirċievi ffinanzjar adegwat; jenfasizza l-bżonn ta' bilanċ adegwat bejn il-fondi attribwiti għall-oġettivi differenti;
11. Huwa tal-opinjoni li d-drittijiet tat-tfal u l-isforzi għall-protezzjoni tat-tfal għandhom isiru viżibbli f'linji speċifiċi tal-iffinanzjar sabiex l-allokazzjonijiet ikunu jistgħu jiġu traċċati u immonitorjati u l-effettività tagħhom ivvalutata;
12. Jilqa' l-proposta għal Programm dwar id-Drittijiet u ċ-Ċittadinanza; jenfasizza li s-simplifikazzjoni tal-istrutturi tal-iffinanzjar m'għandhomx jirriżultaw fi tnaqqis fil-livell tar-riżorsi finanzjarji kkomparati mal-livell disponibbli fil-programmi attwali tal-2007-2013, u għalhekk jiddeplora l-proposta tal-Kummissjoni li tnaqqas l-iffinanzjar; jitlob żieda fil-baġit biex jiġu promossi u protetti d-drittijiet fundamentali u biex jiġu miġġielda r-razziżmu, il-ksenofobija u forom oħra ta' diskriminazzjoni, speċjalment fil-kuntest tal-intolleranza li qed tikber u t-taqlib soċjali esperjenzat fl-Ewropa bħala konsegwenza tal-kriżi finanzjarja attwali;
13. Jiddeplora l-approċċ statiku tal-iffinanzjar tal-aġenziji fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, li ma jirrefletti ebda żieda jew waqfien fil-kompiti;
14. Iqis li, b'mod partikolari, il-baġit ta' FRONTEX, l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Ażil (EASO) u l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol), mhumiex ibbilanċjati mal-kompiti tagħhom li zdieđu b'mod sostanzjali; jinnota, f'din il-konnessjoni, il-mandat ta' FRONTEX, li ġie emendat reċentement, it-tneđija tal-attivitajiet previsti tal-EASO, u l-ħolqien taċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità fi ħdan il-Europol.
15. Jenfasizza l-bżonn ta' evalwazzjoni xierqa tal-miżuri eżistenti, u jenfasizza li valutazzjonijiet xierqa tal-impatt għandhom ikunu obligatorji qabel ma jsiru proposti leġiżlattivi ġodda.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	19.9.2012
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 51 -: 4 0: 3
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jan Philipp Albrecht, Sonia Alfano, Roberta Angelilli, Edit Bauer, Rita Borsellino, Arkadiusz Tomasz Bratkowski, Simon Busuttil, Philip Claeyns, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Ioan Enciu, Frank Engel, Cornelia Ernst, Tanja Fajon, Monika Flašíková Beňová, Kinga Gál, Kinga Göncz, Nathalie Griesbeck, Anna Hedh, Salvatore Iacolino, Sophia in 't Veld, Lívia Járóka, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Timothy Kirkhope, Juan Fernando López Aguilar, Baroness Sarah Ludford, Monica Luisa Macovei, Svetoslav Hristov Malinov, Véronique Mathieu, Anthea McIntyre, Louis Michel, Antigoni Papadopoulou, Georgios Papanikolaou, Jacek Protasiewicz, Carmen Romero López, Judith Sargentini, Birgit Sippel, Csaba Sógor, Valdemar Tomaševski, Kyriacos Triantaphyllides, Wim van de Camp, Axel Voss, Renate Weber, Josef Weidenholzer, Cecilia Wikström, Tatjana Ždanoka, Auke Zijlstra
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Alexander Alvaro, Michael Cashman, Anna Maria Corazza Bildt, Dimitrios Droutsas, Ana Gomes, Monika Hohlmeier, Franziska Keller, Jean Lambert, Marian-Jean Marinescu, Antonio Masip Hidalgo, Hubert Pirker
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Erik Bánki